MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## ROBERT G MANGION

Seduta ta' l-20 ta' Novembru, 2014

Rikors Numru. 232/2014

**A B C**

**vs**

**L-Avukat Alessandro Lia u l-Prokuratur Legali Noel Scerri li permezz ta’ digriet datat 1 ta’ Awwissu 2014 gew nominati kuraturi deputati ghall-assenti D E F E G C**

**Il-Qorti,**

**Preambolu;**

Rat ir-rikors tal-attrici tal-10 ta’ Gunju 2014 li permezz tieghu talbet li l-Qorti tippronunzja l-hall taz-zwieg ta’ bejn il-partijiet.

Rat ir-risposta tal-kuraturi deputati.

Rat illi fis-seduta tal-14 ta' Ottubru 2014 ir-rikors thalla ghas-sentenza.

Rat l-atti kollha.

Ikkunsidrat.

**Provi**.

Mill-provi migbura jirrizulta:

Illi l-partijiet izzewgu fil-31 ta' Mejju 1994;

Illi l-partijiet kienu sseparaw permezz ta' sentenza ta' divorzju mill-Qorti Tunezina;

Illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Illi ma hemm ebda kwistjoni bejn il-partijiet dwar manteniment;

Ikkunsidrat;

Illi l-provi imressqa jissodisfaw dak rikjest bl-Artikolu 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta ghall-ksib tad-divorzju;

**Decide**.

Ghal dawn il-motivi,

1) Tilqa’ t-talbiet tar-rikorrenti u tippronunzja l-hall taz-zwieg civili ta’ bejn il-partijiet;

2) Tawtorizza lir-rikorrenti tirriverti ghal kunjom xbubitha u cioe’ ‘Camilleri’; u

3) Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien xahar javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku ai termini tal-Artikolu 66A tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Spejjez bla taxxa.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------